

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte d'appello di Roma (l-Italja) fit-12 ta' Settembru 2008 — Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS) vs Daniela Lotti u Clara Matteucci

(Kawża C-396/08)

(2008/C 327/14)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2008 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Awstrija

(Kawża C-401/08)

(2008/C 327/15)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Corte d'appello di Roma

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Istituto nazionale della previdenza sociale (INPS)

Konvenuti: Daniela Lotti u Clara Matteucci

Domandi preliminari

- 1) Il-leġiżlazzjoni Taljana (jiġifieri, l-Artikolu 7(1) tal-Liġi 638/83) li twassal sabiex perijodi li fihom persuna ma tkunx ħadmet fil-qafas ta' xogħol part-time vertikali, ma jittieħdux inkunsiderazzjoni bħala perijodu ta' kontribuzzjonijiet utli għall-kisba ta' drittijiet għall-pensjoni, hija kompatibbli mad-Direttiva 97/81/KE⁽¹⁾, u b'mod partikolari, mal-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas anness magħha, dwar il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni?
- 2) Il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tissemma fid-domanda ta' qabel, hija konformi mad-direttiva u b'mod partikolari, mal-Klawżola 1 tal-Ftehim Qafas anness magħha, fejn huwa stabbilit li l-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tiffaċilita l-iżvilupp tax-xogħol part-time, u mal-Klawżoli 4 u 5 tal-Ftehim Qafas imsemmi iktar 'il fuq, li jimponu obbligu fuq l-Istati Membri li jeliminaw l-ostakli ta' natura legali jew amministrattiva li jistgħu jillimitaw l-opportunitajiet ta' xogħol part-time, peress li m'hemmx dubju li n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-pensjoni, tal-ġimgħat li fihom persuna ma tkunx ħadmet, jikkostitwixxi ostaklu sinjifikanti għall-għażla ta' xogħol part-time vertikali?
- 3) Il-Klawżola 4 tal-Ftehim Qafas imsemmi iktar 'il fuq dwar il-prinċipju ta' non-diskriminazzjoni tista' tiġi estiża wkoll għad-diversi tipi ta' kuntratti part-time peress li, fil-każ ta' xogħol part-time orizzontali, għal numru ekwivalenti ta' sigħat ta' xogħol li għalihom titħallas remunerazzjoni fis-sena kalendarja, il-ġimgħat kollha tas-sena kalendarja jittieħdu inkunsiderazzjoni skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, filwaqt li dan mhuwiex il-każ għax-xogħol part-time vertikali?

⁽¹⁾ Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna il-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC — Anness: Il-Ftehim Qafas dwar xogħol part-time (ĠU 1998, L 14, p. 9).

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: B. Schima, A. Sipos, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Awstrija

Talbiet tar-rikorrenti

- tiddikjara li peress li l-awtoritajiet Awstrijaċi kompetenti naqsu milli jfasslu pjani ta' emerġenza esterni għall-istabbilimenti kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE⁽¹⁾, tad-9 ta' Diċembru 1996, dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi, ir-Repubblika tal-Awstrija naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 11(1)(ċ) ta' din id-direttiva.
- tikkundanna lir-Repubblika tal-Awstrija għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

L-Artikolu 11(1)(ċ) tad-Direttiva 96/82/KE jeżiġi li l-Istati Membri jipprovdu, għall-istabbilimenti kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9 ta' din id-direttiva, sabiex l-awtoritajiet innominati għal dan il-għan ifasslu pjan ta' emerġenza estern għall-miżuri li għandhom jittieħdu barra l-istabbiliment. Tali pjani ta' emerġenza esterni m'għandhomx jinkludu biss informazzjoni rigward il-miżuri ta' intervent fi ħdan u barra mis-sit, iżda għandhom ukoll jipprovdu lill-pubbliku informazzjoni specifica fuq l-inċident u fuq l-aġir li għandu jiġu adottat. Barra minn hekk, fil-pjani ta' emerġenza esterni għandhom jiġu inklużi, pereżempju, f'każ ta' inċident rilevanti bil-possibbiltà ta' konsegwenzi transkonfinali, ukoll informazzjoni intima għas-servizzi ta' emerġenza u tal-ewwel għajnuna fl-Istati Membri loħrajn.

Dan ir-rikors huwa intiż sabiex jiġi stabbilit jekk, peress li ma fasslitx pjani ta' emerġenza esterni għall-istabbilimenti kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 96/82/KE, ir-Repubblika tal-Awstrija kisritx l-Artikolu 11(1)(ċ) ta' din id-direttiva.

⁽¹⁾ ĠU L 10, p. 13.